MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1161/2002/1

**Noel Debono**

**Vs**

**Francis Vella u Allied Insurance**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u hamsin lira Maltija (Lm450) kif ukoll ammont ghall-kiri ta’ karrozza, billi fid-19 ta’ Dicembru 2001 sehh incident fi Triq il-Kbira, Mellieha bejn il-vettura misjuqa mill-attur u dik misjuqa mill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenuti (fol. 11) li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza, kif ukoll id-danni reklamati mill-attur.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra;

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fi Triq il-Kbira, Mellieha. L-incident sehh fid-19 ta' Dicembru 2001 bejn il-vettura tal-marka Isuzu (numru FAR 222) misjuqa mill-konvenut u l-vettura tal-marka Mazda 323 (numru JAZ 802) misjuqa mill-attur.

2. Is-sewwieqa taw verzjonijiet kontrastanti:

- L-attur xehed li fil-hin ta' l-incident il-vettura FAR 222 kienet ghadha qeghda taqsam Triq il-Kbira, Mellieha;

- Il-konvenut xehed li fil-hin ta' l-incident kien diga' sab postu fuq in-naha l-ohra ta' Triq il-Kbira, u kien wieqaf wara t-traffiku li kien sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieha. Sahansitra qal li kien ilu circa nofs minuta wieqaf wara t-traffiku meta l-vettura misjuqa mill-attur baqghet diehla fil-vettura tieghu.

3. Wara li t-Tribunal qies il-provi li tressqu quddiemu, jemmen li l-verzjoni moghtija mill-attur hija iktar verosimili. Verzjoni li hija korraborata wkoll mill-passiggier Rodney Cauchi (seduta tal-5 ta' Gunju 2002) li ddikjara: *"niftakar illi l-attur kien ibbrejkja, kiser naqra, pero' ahna bqajna fuq is-side taghna. Kiser sabiex jevita li jibqa' diehel fil-karrozza li kisret ghal Triq il-Qortin u spiccajna nidhlu fil-van FAR 222, li dak il-hin inzerta qieghed jaqsam fit-Triq il-Kbira"*. It-Tribunal ikkunsidra wkoll l-iskizz (fol. 19) li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u li gie kkonfermat mill-partijiet. It-Tribunal jemmen li kieku fil-hin ta' l-incident il-vettura tal-konvenut kienet fil-pozizzjoni li tidher fl-iskizz [igifieri fuq in-naha l-ohra tat-triq], il-vettura misjuqa mill-attur ma kenitx tispicca fil-posizzjoni kif murija fl-iskizz. It-Tribunal huwa tal-fehma li mal-impatt il-vettura misjuqa mill-konvenut ma waqfitx u sabet postha fuq in-naha l-ohra tat-triq. Fil-kawza fl-ismijiet **Stefan Bonello vs Carmelo Abela** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef P. Sciberras) fil-21 ta' Ottubru 2002,

inghad: *“Intqal fid-decizjoni "***Carmel Camilleri -vs- Leone Pillow***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 illi s-surgent li jikkonduci l-investigazzjoni "huwa recorder tal-'res gestae' u hu fid-dover tieghu qabel xejn, bhala parti mill-investigazzjoni tieghu, li jigbor il-fatti rilevanti kif jirrizultawlu materjalment u jirregistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza."* ***Dan ifisser illi meta l-iskizz ikun maghmul b'mod professjonali ghandu jittiehed li jaghmel prova ta' dak li juri***”.

4. Il-konvenut hareg minn triq sekondarja u fil-hin ta’ l-incident kien ghadu ma qasamx il-parti tat-triq minn fejn kien ghaddej l-attur. Il-karrozza tieghu kienet ta’ ostakolu ghall-vettura tal-attur li ma jirrizultax li qasmet ghal fuq il-karreggjata opposta. Kien l-obbligu tal-konvenut li jaccerta ruhu li l-manuvra li ried jaghmel seta’ jibdiha u jikkompletaha minghajr ma johloq ebda ostakolu ghall-vetturi li dak il-hin inzertaw ghaddejjin minn Triq il-Kbira.

5. B’riferenza ghax-xhieda moghtija minn Mary Eufrasia Borg, it-Tribunal m’huwiex ser iqies ix-xhieda taghha stante li ghalkemm fis-seduta tas-27 ta’ Settembru 2002 ikkonfermat l-affidavit li jinsab a fol. 27, xehdet li semghet biss hoss kbir u ma kenitx taf jekk il-konvenut qasamx il-karreggjata. Inoltre, iddikjarat li l-vettura misjuqa mill-konvenut gie minn faccata u saret il-habta. Mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut harget minn Triq il-Qortin.

6. Fir-rigward tal-konvenut Allied Insurance, it-Tribunal josserva li dan m’huwiex l-isem korrett tal-kumpannija assiguratrici u f’kull kaz ma jirrizultax li ghandha xi relazzjoni guridika ma’ l-attur.

7. B’riferenza ghad-danni reklamati, irrizulta li l-vettura giet dikjarata *beyond economical repair.* Is-surveyor inkarigat mill-kumpannija assiguratrici tal-konvenut xehed li l-valur huwa ta’ erbgha mitt lira Maltija (Lm400), f’liema ammont hemm inkluz is-somma ta’ Lm40 ghal *towing*. Mill-provi rrizulta li ghat-towing thallset is-somma ta’ Lm20 (ara dokument a fol. 26 tal-process). Hemm ukoll il-hlas

ta' Lm25 dovut ghal *loss of use* li m'huwiex eccessiv u li jifforma parti mid-danni.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jikkundanna lill-konvenut Francis Vella sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erbgha mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm425), u dan peress li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza. Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**